Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) ta' l-14 ta' Ġunju 2007 — Il-Kummissjoni vs L-Irlanda

(Kawża C-148/05)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 79/923/KEE — Kwalità ta' l-ilmijiet għall-kultivazzjoni tal-molluski — Indikazzjoni ta' siti ta' ilmijiet għall-kultivazzjoni tal-molluski — Programmi għat-tnaqqis tat-tniġġis — Iffissar ta' parametri ta' kontroll"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Proċedura prekontenzjuża — Intimazzjoni (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 32)*

2. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Suġġett tal-kawża — Determinazzjoni matul il-proċedura prekontenzjuża (Artikolu 226 KE) (ara l-punti 34, 35)*

3. *Approssimazzjoni tal-liġijiet — Kwalità meħtieġa ta' l-ilmijiet għall-kultivazzjoni tal-molluski — Direttiva 79/923 (Direttiva tal-Kunsill 79/923, Artikoli 3 u 4) (ara l-punti 46-48, 61-66)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Traspożizzjoni mhux kompluta ta' l-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 79/923/KEE, tat-30 ta' Ottubru 1979, dwar il-kwalità meħtieġa għall-ilmijiet tal-kultivazzjoni tal-molluski (ĠU L 281, p. 47) — Nuqqas li jiġu indikati ċerti siti ta' ilmijiet għall-kultivazzjoni tal-molluski, li jiġu stabbiliti programmi għat-tnaqqis tat-tniġġis u li jiġu ffissati parametri ta' kontroll.

Dispożittiv

1) Billi naqset milli:

— tindika s-siti kollha ta' ilmijiet għall-kultivazzjoni tal-molluski li jeħtieġu li jiġu indikati skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 79/923/KEE, tat-30 ta' Ottubru 1979, dwar il-kwalità meħtieġa għall-ilmijiet tal-kultivazzjoni tal-molluski;

— tiffissa l-valuri kollha meħtieġa dwar l-ilmijiet għall-kultivazzjoni tal-molluski indikati jew li jeħtieġu li jiġu indikati skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/923, skond l-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva, u

— tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tistabbilixxi l-programmi għat-tnaqqis tat-tniġġis ta' l-ilmijiet li jeħtieġu li jiġu indikati skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/923, skond l-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva,

l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond din id-Direttiva.

2) L-Irlanda hija kkundannata tbati l-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) ta' l-14 ta' Ġunju 2007 — Il-Kummissjoni vs L-Italja

(Kawża C-82/06)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Skart — Skart perikoluż — Direttivi 75/442/KEE u 91/689/KEE — Obbligu li jitħejjew u li jiġu kkomunikati pjani għall-immaniġġjar ta' l-iskart"